31962R0025

20.4.1962 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30/991

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL Nru 25
dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni

L-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 40, 43 u 199 sa 209 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi t-tħaddim u l-iżvilupp tas-suq komuni għall-prodotti agrikoli għandhom jiġu akkumpanjati mill-iżvilupp ta' politika agrikola komuni li tinkludi b'mod partikolari l-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli;

Billi, sabiex dik l-organizzazzjoni komuni tkun tista' tilħaq il-miri tagħha, għandu jiġi stabbilit Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija u l-kondizzjonijiet li taħthom għandu jaħdem dak il-Fond għandhom jiġu stabbiliti;

Billi, b'rabta ma' l-istabbiliment ta' dak il-Fond u l-implimentazzjoni ta' politika agrikola komuni, jidher ċar li huwa neċessarju li jiġu adottati ċerti regoli komuni ta' politika finanzjarja u ta' l-estimi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Sabiex l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli tkun tista' tilħaq il-miri tagħha, Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Il-Fond") qiegħed b'dan jiġi stabbilit. Il-Fond għandu jifforma parti mill-estimi tal-Komunità.

TITOLU I

Stadju ta' suq wieħed

Artikolu 2

1. Id-dħul minn *levies* fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi għandu jitħallas lill-Komunità u għandu jintuża għan-nefqa tal-Komunità sabiex ir-riżorsi ta' l-estimi tal-Komunità jkunu jinkludu dak id-dħul flimkien mad-dħul kollu l-ieħor deċiż skond ir-regoli tat-Trattat u l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri taħt l-Artikolu 200 tat-Trattat. Il-Kunsill għandu, fi żmien approprjat, jagħti bidu għall-proċeduri stipulati fl-Artikolu 201 tat-Trattat sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

2. Minħabba li fl-istadju ta' suq wieħed is-sistemi tal-prezzijiet għandhom jiġu standardizzati u l-politika agrikola għandha tkun fuq bażi Komunitarja, il-konsegwenzi finanzjarji għandhom jaqgħu fuq il-Komunità.

Il-Fond għandu għalhekk jiffinanzja:

(a) rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

(b) l-intervent immirat sabiex jistabbilizza s-swieq;

(ċ) il-miżuri komuni adottati sabiex jintlaħqu l-miri stipulati fl-Artikolu 39 (1) (a) tat-Trattat, inklużi l-modifiki strutturali meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tas-suq komuni, sakemm dawk il-miżuri ma jfixklux ix-xogħol tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u tal-Fond Soċjali Ewropew.

TITOLU II

Perjodu ta' transizzjoni

Artikolu 3

1. In-nefqa li ġejja għandha tkun eliġibbli għal għajnuna mill-Fond:

(a) rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi kkalkolata, skond il-bażi ta' kwantitajiet netti ta' esportazzjoni u r-rata ta' rifużjoni fl-Istat Membru li r-rifużjoni medja tiegħu hija l-aktar baxxa, skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar prodotti individwali;

(b) l-intervent fuq is-suq domestiku li l-għan u l-funzjoni tiegħu jkun identiku ma' dak tar-rifużjonijiet li ssir referenza għalihom fis-subparagrafu (a); il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu matul it-tieni stadju u b'maġġoranza kkwalifikata minn hemm 'il quddiem fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi li dawn huma identiċi;

(ċ) interventi oħra fuq is-suq domestiku magħmula skond ir-regoli tal-Komunità; il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-eliġibilità ta' l-infiq li għandu x'jaqsam ma' dan għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu waqt it-tieni stadju u b'maġġoranza kkwalifikata minn hemm 'il quddiem fuq proposta mill-Kummissjoni;

(d) l-azzjoni meħuda skond ir-regoli tal-Komunità sabiex jinkisbu l-miri stipulati fl-Artikolu 39 (1) (a) tat-Trattat inkluż it-tibdil strutturali neċessitat mill-iżvilupp tas-suq komuni; il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-eliġibilità ta' l-infiq li għandu x'jaqsam ma' l-istess għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu waqt it-tieni stadju u b'maġġoranza kkwalifikata minn hemm 'il quddiem fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti inizjali skond il-paragrafu 1 (b), (ċ) u (d) mhux aktar tard mit-30 Settembru 1962 sabiex il-Komunità tkun tista' tiffinanzja t-transazzjonijiet li ssir referenza għalihom f'dawk is-subparagrafi mis-sena 1962/63.

3. Mill-ewwel sena, il-Kunsill għandu kull sena, skond il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, jeżamina kif l-iffinanzjar tal-Komunità ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni stabbiliti fil-paragarfu 1(a) jkun affettwa l-gwida tal-produzzjoni u l-iżvilupp ta' postijiet tal-bejgħ.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu matul it-tieni stadju fuq talba ta' wieħed mill-Istati Membri jew tal-Kummissjoni, u b'maġġoranza kkwalifikata minn hemm 'il quddiem fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jemenda l-kriterji adottati għall-iffinanzjar mill-Komunità ta' dawk ir-rifużjonijiet.

Il-Kunsill għandu wkoll, skond il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, jeżamina kull sena l-effett fuq il-politika komuni agrikola ta' l-iffinanzjar mill-Komunità stabbilit fil-paragrafu 1 (b), (ċ) u (d).

Artikolu 4

Qabel it-tmiem tat-tielet sena, il-Kunsill għandu, skond il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, iwettaq eżami komprensiv ta' l-iżvilupp tat-transazzjonijiet tal-Fond sħiħ, in-natura tan-nefqa mill-Fond, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-eliġibilità ta' dik in-nefqa, it-tqassim tad-dħul tal-Fond, u l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni, u b'mod partikolari l-Gwida tal-produzzjoni agrikola fl-Istati Membri, l-armonizzazzjoni tal-prezzijiet, u l-iżvilupp tal-kummerċ intra-Komunitarju. Dan l-eżami għandu jsir qabel id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skond l-Artikoli 5(1) u 7(2).

Artikolu 5

1. Għal nefqa eliġibbli taħt l-Artikolu 3(1)(a), (b) u (ċ), il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha, fir-rigward ta' l-ewwel tliett snin, tiġi stabbilita bħala wieħed minn sitta għall-1962/63, tnejn minn sitta għall-1963/64, u tlieta minn sitta għall-1964/65.

Mill-1 ta' Lulju 1965 u sa l-aħħar tal-perjodu ta' transizzjoni, il-kontribuzzjonijiet mill-Fond għandhom jiżdiedu regolarment sabiex, fl-aħħar tal-perjodu ta' transizzjoni, in-nefqa kollha eliġibbli tiġi ffinanzjata mill-Fond. Fid-dawl tar-riżultati ta' l-eżami komprensiv stabbilit fl-Artikolu 4, id-deċiżjoni meħtieġa għandha tittieħed mill-Kunsill skond il-proċedura tal-votazzjoni stipulata fl-Artikolu 43 tat- Trattat.

2. Il-kontribuzzjoni mill-Fond għan-nefqa eliġibbli taħt l-Artikolu 3 (1) (d) għandha, sa fejn ikun possibbli, tikkorrispondi għal terz mill-ammont stabbilit skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

1. L-ammont totali allokat lill-Fond sabiex ikun jista' jkopri n-nefqa definita hawn fuq għandu jiġi stabbilit kull sena mill-Kunsill skond il-proċedura ta' l-estimi.

2. L-ammonti stabbiliti kull sena jistgħu jiġu miżjuda b'deċiżjoni tal-Kunsill li jaġixxi skond l-istess proċedura.

Artikolu 7

1. Id-dħul tal-Fond għandu jikkonsisti, għall-ewwel tliet snin, f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri kkalkolati għall-ewwel parti skond l-iskala stabbilita fl-Artikolu 200 (1) tat-Trattat u għat-tieni parti fi proporzjon ma' l-importazzjoni netta minn pajjiżi terzi magħmula minn kull Stat Membru.

Iż-żewġ partijiet tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għandhom jifformaw id-dħul kollu tal-Fond fil-proporzjonijiet li ġejjin:

	1962/63 %	1963/64 %	1964/65 %
Skond l-iskala stipulata fl-Artikolu 200 paragrafu (1)	100	90	80
Fi proporzjon ma' l-importazzjoni netta	-	10	20

2. Qabel it-tmiem tat-tielet sena u fid-dawl tar-riżultati ta' l-eżami komprensiv stabbilit fl-Artikolu 4, il-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 200 (3) tat-Trattat, u bl-għan li jiżgura li jsir avvanz progressiv lejn is-sistema ta' suq wieħed, għandu jagħmel regoli dwar id-dħul tal-Fond li għandhom ikunu validi mill-1 Lulju 1965 sa l-aħħar tal-perjodu ta' transizzjoni.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti dwar kull wieħed mill-prodotti individwali, għandu japplika għas-swieq taċ-ċereali, laħam tal-majjal, bajd u laħam tat-tjur mill-1 ta' Lulju 1962, għas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib mill-1 ta' Novembru 1962, u fejn ikun meħtieġ, għal swieq oħra minn dati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl- 4 ta' April 1962.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COUVE DE MURVILLE